RETTIFIKA

Rettifika tad-Direttiva 2012/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 li tistabbilixxi żona ferrovjarja unika Ewropea

(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 343 tal-14 ta' Diċembru 2012)

F'paġna 58, l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 55(3),

minflok: "3. …, fejn rilevanti, jinħatru skont regoli ċari u trasparenti li jiggarantixxu l-indipendenza mill-kabinett nazzjonali jew mill-kunsill tal-ministri jew minn kwalunkwe awtorità pubblika li ma teżerċitax direttament drittijiet ta' sieda fuq impriżi regolati.",

aqra: "3. …, fejn rilevanti, jinħatru, skont regoli ċari u trasparenti li jiggarantixxu l-indipendenza tagħhom, mill-kabinett nazzjonali jew mill-kunsill tal-ministri jew minn kwalunkwe awtorità pubblika li ma teżerċitax direttament drittijiet ta' sieda fuq impriżi regolati.";

F'paġna 62, l-Artikolu 65, l-ewwel paragrafu,

minflok: "… huma mħassra b'effett minn 15 ta' Diċembru 2012, …",

aqra: "… huma mħassra b'effett mis-17 ta' Ġunju 2015, …".

Rettifika tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/104 tad-19 ta' Jannar 2015 li jiffissa għall-2015 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet ta' ħut u gruppi ta' stokkijiet ta' ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 43/2014 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 779/2014

(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 22 tat-28 ta' Jannar 2015)

F'paġna 24, is-sitt paragrafu tal-Artikolu 48:

minflok: "Id-dispożizzjonijiet dwar l-opportunitajiet tas-sajd stabbiliti fl-Artikoli 23, 24 u 25 u …",

aqra: "Id-dispożizzjonijiet dwar l-opportunitajiet tas-sajd stabbiliti fl-Artikoli 24, 25 u 26 u …"
